

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – International Gaming Projects vs UASI (BIG BINGO)**

(Kawża T-663/14) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva BIG BINGO — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009”)**

(2016/C 078/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: International Gaming Projects Ltd (Valetta, Malta) (rappreżentant: M. D. Garayalde Niño, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Ġunju 2014 (Każ R 755/2014-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattiva BIG BINGO bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) International Gaming Projects Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 395, 10.11.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – Coedo Suárez vs Il-Kunsill**

(Kawża T-297/15 P) <sup>(1)</sup>

**(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Miżuri dixxiplinari — Revoka bi tnaqqis tal-allowance tal-invalidità — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza — Żball ta' liġi — Obbligu ta' motivazzjoni”)**

(2016/C 078/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Ángel Coedo Suárez (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

Appellat: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u M. Veiga, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Marzu 2015, Coedo Suárez vs Il-Kunsill (F-38/14, EU:F:2015:25), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.